# Festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra

Fir-raħal tax-Xagħra ġiet iċċelebrata l-festa tradizzjonali ta' Sant'Anton Abbati. Il-ġurnata bdiet billi Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra qaddes fil-knisja tal-Qaddis. Wara l-quddiesa l-istatwa ta' Sant'Anton tpoġġiet fuq karozzella miġbuda minn żewġt iżwiemel u, bil-*Jackson Pipe Band* quddiem, imxew sa Pjazza Sant'Anton. Hemmhekk l-Arċipriet bierek iż-żwiemel miġbura u lis-sidien. Imbagħad ikoll marru sfilata sa Pjazza l-Vitorja fejn l-istatwa ddaħlet fil-Knisja Bażilika ta' Marja Bambina.

Wara li telqu ż-żwiemel ingħata bidu għal żewġ wirjiet, waħda tal-klieb u oħra tal-qtates. Dawn ħadu sehem f'kompetizzjonijiet bejniethom bir-rebbieħa jingħataw trofej waqt li kulmin ħa sehem, ingħata tifkira sabiħa ta' l-okkażjoni. Wara dawn il-wirjiet kien hemm tlielaq għat-tfal. Dawn l-attivitajiet kienu organizzati mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra. Is-Sindku tar-raħal, Joe Cordina qassam il-premijiet.

Filgħaxija l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ikkonċelebra mal-Kapitlu u l-Kleru fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Wara imxew proċessjonalment lejn Pjazza Sant'Anton bl-istatwa ta' Sant'Anton Abbati ssegwi b'folla nies warajhom. Il-Banda Victory fuq quddiem akkompanjat bil-marċijiet. Fil-Pjazza, Mons. Isqof talab biex bl-interċessjoni ta' Sant'Anton Abbati l-annimali jkunu meħlusa mill-mard. Imbagħad berikom u bierek ukoll lill-folla preżenti. Wieħed wieħed is-sidien bl-annimali tagħhom għaddew minn quddiem l-Isqof li tahom borża xgħir, panina ta' Sant'Anton u ktieb bilħajja tal-Qaddis. Mijiet kienu dawk li ħadu sehem fosthom ħafna tfal ferħana bil-*pets* tagħhom. Il-festa spiċċat billi Mons Isqof ta l-Barka Sagramentali fil-Knisja tal-Qaddis.



*Sant'Anton fuq il-karozzella ta' Victor Muscat miġbuda minn żewġt iżwiemel. Fuq il-lemin jidhru fost oħrajn, il-Kanonku John Bartolo u l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Carmelo Refalo.*

# Tqassim ta' siġar lit-tfal

Il-Kunsill Lokali Qala flimkien ma' l-iskola primarja President Anton Buttigieg u bl-għajnuna ta' l-għalliema ta' Eko Skola tellgħu attività li fiha madwar 120 tifel u tifla, ingħataw pjanta li eventwalment ser tiġi mħawla fir-*recreational park* li l-istess Kunsill Lokali qed jippjana li jiżviluppa fl-*area* magħrufa bħala ta' Grunju.

Il-ħsieb wara din l-attività beda propju meta koppja barranija s-Sinjuri Helmut u Penelope Wille residenti l-Qala, ftit tal-ġimgħat ilu żżewġu u bħala rigal mill-mistednin talbu għotja ta' flus sabiex jinxtraw siġar ħalli jitħawlu fil-lokalità fejn qed jgħixu. Is-somma telgħet għal €1,165, liema flus ingħataw lill-Kunsill Lokali Qala sabiex bihom jixtri siġar tal-prinjol, għargħar u żebbuġ. Fl-okkażjoni ta' *Arbor Day* is-siġar ġew mogħtija lit-tfal kollha ta' l-iskola Primarja tal-Qala. Wara li ġie spjegat lilhom kif għandhom jieħdu ħsieb il-pjanti. Is-siġar ser jinżammu mill-istess tfal għall-perjodu t'erba' xhur.

Kull pjanta ser ikun fiha l-isem u l-kunjom tat-tifel/tifla, kif ukoll l-isem tal-pjanta. B'hekk dawn il-pjanti jkunu jappartjenu lil kull tifel u tifla li jattendu l-imsemmija skola.

F'kelmtejn is-Sindku Paul Buttigieg fisser is-sinjifikat ta' din l-attività u kemm hu importanti li wieħed jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru u jżommu nadif. Is-Sur Buttigieg irringrazzja b'mod partikulari lill-koppja Helmut u Penelope Wille għall-għajnuna u l-inizjattiva u l-interess fil-lokalità tal-Qala.

Tkellmet ukoll il-Kap ta' l-Iskola Ms. Maria Buttigieg li fissret l-importanza ta' din l-attività u l-bżonn li jitħawlu aktar siġar li permezz tagħhom l-arja tkun aktar pura u nadifa. Hija rringrazzjat lill-Kunsill Lokali għal din l-inizjattiva u għamlet appuntament għat-tfal għal nofs Mejju fejn dawn l-istess siġar li kienu qed jitqassmu, jitħawlu fil-*park* ta' rikreazzjoni.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, Helmut Wille ħeġġeġ lit-tfal sabiex jieħdu ħsieb il-pjanti u jħarsu l-ambjent li jgħixu fih. Hu ħeġġeġ sabiex ikun hemm aktar individwi li jitħajru minn din l-inizjattiva u jitħawlu aktar siġar mhux biss fil-Qala imma madwar Għawdex u Malta għax is-siġar huma l-pulmun tal-Gżejjer Maltin.



*Tqassim ta' pjanti lit-tfal ta' l-Iskola Primarja tal-Qala*



*L-istudenti li ħadu sehem fl-attività Clean Up The World*

# Attività *Clean Up The World*

It-tfal tal-Ħames Sena li jattendu l-Iskola Primarja tan-Nadur, flimkien ma' l-għalliema tagħhom ħadu sehem fil-Kampanja *Clean Up The World* organizzata kull sena mill-Kunsill Lokali tan-Nadur.

Il-post magħżul għal din l-attività kien il-Wied tax-Xħajma. Dan jinsab fil-limiti tan-Nadur u jagħti għall-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

It-tfal libsin *T Shirts* u ngwanti u bil-boroż tal-plastik f'idejhom kienu maqsumin fi gruppi u meddew għonqhom għax-xogħol bil-qalb. Ġabru kull kwalità ta' skart, plastik, karti, fliexken, landi u mbarazz ieħor. Qagħdu attenti ħafna biex ma jiġbrux ħġieġ miksur u landi li jistgħu jaqtgħu idejhom bihom. Skart ingombruż li ma joqgħodx fil-boroż tkaxkar f'munzell f'ġenb fejn wara inġabar mill-Kunsill Lokali.

# AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Lino Xerri (xellug) juri xi xogħlijiet karnivaleski li għamlu l-istudenti lill-Prinċipal tal-Gozo College, Chev. Frank Gatt.*

# Wirja tal-Karnival mill-Artisti żgħar tal-*Gozo College*

Il-*Gozo College* tella' wirja ta' l-Arti fil-Banca Giuratale, fir-Rabat, Għawdex.

Il-Wirja kienet tikkonsisti f'mudelli ta' karrijiet tal-Karnival kif ukoll pittura dwar il-Karnival. Waqt il-ftuħ tal-wirja Vincent Grech, President tal-Kunsill tal-Kultura tkellem dwar ir-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn il-Kunsill u l-*Gozo College*. Fil-fatt, il-wirja tal-Karnival hija frott din l-għaqda. F'din il-wirja, ħafna mill-iskejjel primarji u sekondarji ta' Għawdex ħadu sehem. Chev. Frank Gatt, Prinċipal tal-*Gozo College*, esprima dak li osserva waqt l-ewwel jiem tal-Karnival, jiġifieri li l-attivitajiet tal-Karnival huma frott għadd ta' ħiliet li jiġu mgħallma fil-*Gozo College*. Uħud minn dawn il-ħiliet huma evidenti bħalma hi l-Arti. Oħrajn huma aktar informali bħalma huma ħiliet ta' kif wieħed jaħdem f'tim u jorganizza ruħu. Kemm jekk huma ħiliet formali kif ukoll jekk informali dawn kollha jidħlu taħt l-umbrella ta' tagħlim multisensorjali li l-*Gozo College* jħaddan. Chev. Gatt kompla billi rringrazzja lill-għalliema ta' l-Arti preżenti ta' l-isforzi kontinwi li jagħmlu matul is-sena skolastika biex jilħqu l-miri kurrikulari.



*Il-karru Queen Carnival bl-isem ta' Mill-baħar tlajt u fl-iskola spiċċajt, tat-tifel David John Cutajar, li jattendi l-iskola Sir Arturo Mercieca, li tinsab fi Triq Vajringa, ir-Rabat, Għawdex.*

Café VALLETTA
Licenced Restaurant
12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466
Trading hours
Monday to Friday - 6.30am to 4.00pm
Saturday - 9.00am to 3.00pm
Maltese Specials on offer every day
A full Maltese Menu every Saturday
Enjoy a traditional Maltese meal in the heart of Sydney!
Private functions for up to 70 guests possible
Booking for Saturday lunch is recommended.
Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page



*Mons. Isqof Grech jidher qed jiġi ppreżentat b'CD Sound Track oriġinali tal-film, mid-Direttur viżwali ta' l-istess produzzjoni, Melvin Schembri. Fir-ritratt, mix-xellug għal-lemin jidhru wkoll Ian Paul Schembri, Cameraman, Paul Bonello, direttur u Tony Pace, rappreżentant tal-KRS (distributuri tal-films).*

# *ANNO DOMINI XXXIII*
# fiċ-ċinemas kollha ta' Malta u Għawdex

**Jirrapporta minn Għawdex: Charles Spiteri**

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Frar, is-Saċerdoti u s-Seminaristi tad-Djoċesi Għawdxija kienu l-mistiedna speċjali għall-ewwel turija fil-pubbliku tal-film **Anno Domini XXXIII,** fis-*Citadel Cinema*, fir-Rabat, Għawdex.

Mal-wasla tiegħu, l-Isqof Mario Grech intlaqa' minn Charles Camilleri u Tony Pace, *Manager* ta' *Citadel Cinema* u mir-rappreżentant tal-KRS rispettivament.

Mons. Isqof Grech ġie ppreżentat b'*CD Sound Track* oriġinali tal-film, mid-Direttur viżwali ta' l-istess produzzjoni, Melvin Schembri.

Il-film **ANNO DOMINI XXXIII,** li beda jintwera għall-pubbliku fiċ-ċinema kollha ta' Malta u Għawdex, minn nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar, huwa l-ewwel film tax-xorta tiegħu kollu kemm hu prodott Malti, fejn wieħed jara l-istorja ta' l-aħħar ftit jiem tal-ħajja ta' Ġesù Kristu. Film maħdum b'delikatezza u sa l-aħħar dettal, fejn ħadu sehem aktar minn 450 attur.

Kienet sfida kbira meta fil-bidu tas-sena 2007, Melvin Schembri, Paul Bonello u Christ Cassar irnexxielhom li permezz taż-żewġ kumpaniji *Melvin Studios* u Irtokki *Productions* jibdew ix-xogħol fuq dan il-film li kien jinvolvi sigħat twal ta' xogħol.

B'kitba ta' Renzo Bonello, dan il-film jeħodna madwar elfejn sena ilu, fejn il-poplu dak iż-żmien kien għadu qed jistenna l-Iben t'Alla biex isalvahom, iżda x'jiġri meta dan l-iben t'Alla jkun ġie biex verament isalva l-qlub tan-nies tad-dinja?

Storja li min jaf kemm-il darba smajna u rajna, iżda qatt ma tiddejjaq terġa' tara. Din hija l-akbar storja li qatt ġrat fid-dinja u b'dan il-film, li qed isir l-ewwel darba xi ħaġa tax-xorta tiegħu f'Malta ser jintwera b'mod dettaljat kif Ġesù rnexxielu jirbaħ fuq il-ħażen minkejja li n-nies Lhud kienu kontrieh.

**Bħala atturi prinċipali wieħed isib lil Rennie Schembri** fil-parti ta' Ġesù u Maria Cassar Inguanez fil-parti ta' Maria.

Il-Mużika oriġinali hi tas-Surmast Raymond Sciberras flimkien mas-*Sofia Philarmonic Orchestra* u rrekordjat fin-*National Radio Studios* tal-Bulgarja.



Uċuħ tar-raba' f'Għawdex miksijin bis-silġ

# Borra fuq Għawdex?

**minn Brandon Pisani; Ritratt: Claire Borg**

Partijiet mill-Gżira Għawdxija nhar it-Tnejn filgħodu qamet miksija bajda karti meta għall-ħabta tas-6.00 a.m. għamlet ħalba qawwija tax-xita. Dak il-ħin it-temperatura laħqet biss id-9 gradi Celcius.

Ix-xena li wieħed seta' jara speċjalment f'għelieqi taħt iċ-Ċittadella kienet qiesha stampa fuq il-kartolini. Kienu ħafna Għawdxin li ħasbu li niżlet il-borra għall-ewwel darba fi gżirithom. F'postijiet minnhom is-silġ kien għoli madwar żewġ pulzieri.

F'Malta s-silġ l-aktar li ħakem kien f'San Ġwann. Hawn is-silġ ukoll kien għoli madwar żewġ pulzieri.



*Dehra ta' l-art miksija madwar żewġ pulzieri silġ f'San Ġwann*


Breakaway Travel

10 Day Tour London to Rome

***departing* 29th May 2008**

*From* ***$4490 pp*** *twin share*

16 Day Tour of New Zealand

**departing 10th March 2008**

*Total cost* ***$3490 pp*** *twin share*

**Special Fares to Malta for June 2008**

**$1990 including Taxes - Book Early** (Conditions Apply)

**For further information ring Joe Zerafa on (02) 9622 7799**

* **Blacktown:** Cnr. Main & Campbell Str. Joe Zerafa Tel: (02) 9622 7799
* **City:** 4th Floor 32 York Str. Tel: (02) 9290 2377
* **Fairfield:** Neeta City Shopping Centre, Shop G3 Cnr Smart & Nelson Str (02) 9727 7177
* **St Mary's**: The Village Shopping Centre Charles Hackett Drive St Mary's (02) 9623 5099
* **Melbourne:** Shop 30, Sunshine Shopping Plaza, Hampshire Rd., Sunshine, VIC.
Charles Tabone, John Gilson and Clare Lewis (03) 9312 4344

AIR MALTA AIR MALTA